

Emenda 1**Renate Sommer**

fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B8-0097/2015****Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,****Keith Taylor, Piernicola Pedicini**

fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa D***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

D. billi huwa stmat li minn 30 % sa 50 %, skont l-Istat Membru kkonċernat, tal-volum totali ta' laħam tal-qatla jiġi pproċessat f'ingredjenti tal-laħam għall-oġġetti tal-ikel, l-aktar f'laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam u prodotti tal-laħam;

D. billi huwa stmat li minn 30 % sa 50 %, skont l-Istat Membru kkonċernat, tal-volum totali ta' laħam tal-qatla jiġi pproċessat f'ingredjenti tal-laħam għall-oġġetti tal-ikel, l-aktar f'laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam u prodotti tal-laħam; ***billi l-volum tal-produzzjoni tal-laħam fl-ikel ipproċessat fl-UE jikkonsisti f'70 % laħam tal-majjal, 18 % laħam tat-tjur, 10 % laħam taċ-ċanga u 2 % laħam ieħor; billi l-produzzjoni, il-qatla u l-ipproċessar tal-majjal u tat-tjur huma differenti minn dawk taċ-ċanga;***

Or. en

9.2.2015

B8-0097/2

Emenda 2

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

E. billi l-Kummissjoni għadha trid tagħmel xi proposti leġiżlattivi ta' segwitu u tikkonkludi li se jittieħdu aktar passi adegwati wara d-diskussjonijiet fil-Parlament u l-Kunsill;

imħassar

Or. en

Emenda 3**Renate Sommer**

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B8-0097/2015****Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,****Keith Taylor, Piernicola Pedicini**

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa I***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

I. billi, skont l-istħarriġ tal-konsumaturi tal-Konsorzju tal-Evalwazzjoni tal-Katina Alimentari tal- 2013, ikel ibbażat fuq il-laħam ġab l-ogħla riżultat fost id-diversi gruppi ta' ikel koperti mill-istħarriġ meta niġu għall-interess fit-tikkettar tal-oriġini; billi, abbażi ta' eżami aktar immirat tat-tipi differenti ta' prodotti pproċessati bbażati fuq il-laħam, ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw li aktar minn 90 % tal-konsumaturi risponenti jqisu li huwa importanti li l-oriġini tiġi ttikkettata;

I. billi, skont l-istħarriġ tal-konsumaturi tal-Konsorzju tal-Evalwazzjoni tal-Katina Alimentari tal- 2013, ikel ibbażat fuq il-laħam ġab l-ogħla riżultat fost id-diversi gruppi ta' ikel koperti mill-istħarriġ meta niġu għall-interess fit-tikkettar tal-oriġini; billi, abbażi ta' eżami aktar immirat tat-tipi differenti ta' prodotti pproċessati bbażati fuq il-laħam, ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw li aktar minn 90 % tal-konsumaturi risponenti jqisu li huwa importanti li l-oriġini tiġi ttikkettata; **billi l-istħarriġ jasal ukoll għall-konklużjoni li t-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat huwa kklassifikat biss fil-ħames post fir-rigward tal-interessi tal-konsumaturi (wara t-togħma, id-data ta' skadenza għall-użu ottimali, il-kwalità u l-prezz) u li 80 % tal-konsumaturi ma jridux li jħallsu prezz ogħla għat-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini;**

Or. en

9.2.2015

B8-0097/4

Emenda 4

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Jenfasizza l-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni stess isib li t-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini jkun iwassal għal żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-produzzjoni u żieda fil-prezzjoni rigward il-prezzijiet għall-bdiewa, u li 90 % minn dawn l-ispejjeż se jiġu imposti fuq il-konsumatur;

Or. en

Emenda 5**Renate Sommer**

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B8-0097/2015****Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,****Keith Taylor, Piernicola Pedicini**

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 4***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

4. Jenfasizza li 90 % tal-kumpaniji fis-settur tal-ipproċessar tal-laħam huma SMEs; jenfasizza r-rwol speċjali li jwettqu l-SMEs fil-ħolqien ta' tkabbir u impjiegi, il-kontribut tagħhom lejn ekonomija Ewropea kompetittiva u l-impenn tagħhom għal ikel sikur u ta' kwalità għolja; ***jemmen li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għall-atturi fis-settur huwa essenzjali;***

4. Jenfasizza li 90 % tal-kumpaniji fis-settur tal-ipproċessar tal-laħam huma SMEs; jenfasizza r-rwol speċjali li jwettqu l-SMEs fil-ħolqien ta' tkabbir u impjiegi, il-kontribut tagħhom lejn ekonomija Ewropea kompetittiva u l-impenn tagħhom għal ikel sikur u ta' kwalità għolja; ***jindika l-fatt li, skont l-istħarriġ dwar l-SMEs li tmexxa mill-Kummissjoni, il-parti l-kbira tal-SMEs ibiddu l-fornituri tagħhom tliet darbiet jew aktar fis-sena bil-għan li jggarantixxu livell adegwat ta' materja prima u kwalità għal prezz li jkun tajjeb għall-but ta' kulħadd; jenfasizza l-fatt li l-SMEs jistmaw li t-tikkettar mandatarju tal-pajjiż ta' oriġini jkun iżid il-piż amministrattiv;***

Or. en

Emenda 6**Renate Sommer**

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B8-0097/2015****Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,****Keith Taylor, Piernicola Pedicini**

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 5***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

5. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-impatt potenzjali li għandha l-frodi alimentari fuq is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-konsumaturi, il-fiduċja tal-konsumaturi, il-funzjonament tal-katina alimentari u l-istabilità tal-prezzijiet agrikoli, u jenfasizza l-importanza li l-frodi alimentari tiġi indirizzata bħala kwistjoni ta' prijorità u b'hekk malajr terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi Ewropej;

5. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-impatt potenzjali li għandha l-frodi alimentari fuq is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-konsumaturi, il-fiduċja tal-konsumaturi, il-funzjonament tal-katina alimentari u l-istabilità tal-prezzijiet agrikoli, u jenfasizza l-importanza li l-frodi alimentari tiġi indirizzata bħala kwistjoni ta' prijorità u b'hekk malajr terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi Ewropej; ***jenfasizza, madankollu, l-fatt li t-tikkettar mandatarju tal-pajjiż ta' oriġini li jeżisti għaċ-ċanga ma kienx kapaċi jipprevjeni s-sostituzzjoni qarrieqa tal-laħam taż-żiemel flok il-laħam taċ-ċanga;***

Or. en

9.2.2015

B8-0097/7

Emenda 7

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jemmen li t-tikkettar tal-pajjiż jew il-post tal-oriġini tal-laħam u tal-prodotti tal-laħam fih innifsu ma jipprevenix il-frodi, iżda li sistema rigoruża ta' traċċabilità tassew tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' infrazzjonijiet possibbli u għat-teħid ta' azzjoni kontrihom; jinnota li l-iskandli riċenti tal-ikel, inkluża s-sostituzzjoni qarrieqa tal-laħam taż-żiemel flok laħam taċ-ċanga, urew li l-konsumaturi jridu li jkun hemm regoli aktar stretti dwar it-traċċabilità kif ukoll informazzjoni għall-konsumaturi; jindika li regoli aktar stretti dwar it-traċċabilità jippermettu wkoll lill-awtoritajiet jinvestigaw inċidenti ta' frodi alimentari b'mod aktar effettiv;

imħassar

Or. en

9.2.2015

B8-0097/8

Emenda 8

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***7. Jenfasizza l-importanza li l-laħam taż-
żiemel jitqies fil-kuntast tal-laħam użat
bħala ingredjent fl-ikel ipproċessat,
minbarra l-laħam taċ-ċanga u l-laħam
tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-
tjur, għaliex jirrappreżenta parti
konsiderevoli mil-laħam użat fl-ikel
ipproċessat;***

imħassar

Or. en

Emenda 9**Renate Sommer**

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B8-0097/2015****Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,****Keith Taylor, Piernicola Pedicini**

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 8***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

8. Jenfasizza, barra minn hekk, il-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni stess jirrikonoxxi li iktar minn 90 % tal-konsumaturi risponenti jqisuha ħaġa importanti li l-oriġini tal-laħam tiġi tikkettata fuq il-prodotti tal-ikel ipproċessati¹; jinnota li dan huwa wieħed minn għadd ta' fatturi li jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba tal-konsumatur;

8. Jenfasizza, barra minn hekk, il-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni stess jirrikonoxxi li iktar minn 90 % tal-konsumaturi risponenti jqisuha ħaġa importanti li l-oriġini tal-laħam tiġi tikkettata fuq il-prodotti tal-ikel ipproċessati¹; jinnota li dan huwa wieħed minn għadd ta' fatturi li jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba tal-konsumatur; ***jinnota, madankollu, li t-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat huwa kklassifikat biss fil-ħames post fir-rigward tal-interessi tal-konsumaturi (wara t-togħma, id-data ta' skadenza għall-konsum ottimali, il-kwalità u l-prezz); jiġbed l-attenzjoni għas-sejba tal-Kummissjoni li l-konsumaturi ma jridux li jħallsu prezz ogħla għat-tikkettar tal-oriġini;***

¹ COM(2013)0755, p. 7.

¹ COM(2013)0755, p. 7.

Or. en

9.2.2015

B8-0097/10

Emenda 10

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9. Jemmen li t-tikkettar tal-orġini tal-laħam użat bħala ingredjent fl-ikel se jgħin biex tiġi żgurata traċċabilità aħjar tul il-katina tal-provvista alimentari, biex jiġrawmu relazzjonijiet iktar stabbli bejn il-fornituri u l-proċessuri tal-laħam u biex tiżdied id-diliġenza meta l-operaturi tan-negozji tal-ikel jagħżlu l-fornituri u l-prodotti tagħhom;

imħassar

Or. en

9.2.2015

B8-0097/11

Emenda 11

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. Jindika li, fir-rigward tal-impatti tal-prezzijiet, ir-riżultati tar-riċerka li saret minn organizzazzjoni tal-konsumaturi Franċiża huma sostanzjalment diverġenti mis-sejbiet tar-rapport tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kosti tal-introduzzjoni tat-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini; jirrakkomanda li din il-kwistjoni tiġi eżaminata ulterjorment sabiex tinkiseb stampa aktar ċara tal-effetti possibbli fir-rigward tal-prezzijiet, kemm-il darba tali eżami jsir b'mod konġunt mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi ***u ma jdewwimx proposti leġiżlattivi***;

11. Jindika li, fir-rigward tal-impatti tal-prezzijiet, ir-riżultati tar-riċerka li saret minn organizzazzjoni tal-konsumaturi Franċiża huma sostanzjalment diverġenti mis-sejbiet tar-rapport tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kosti tal-introduzzjoni tat-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini; jirrakkomanda li din il-kwistjoni tiġi eżaminata ulterjorment sabiex tinkiseb stampa aktar ċara tal-effetti possibbli fir-rigward tal-prezzijiet, kemm-il darba tali eżami jsir b'mod konġunt mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi;

Or. en

9.2.2015

B8-0097/12

Emenda 12

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***13. Jinnota li l-informazzjoni volontarja
attwali dwar l-oriġini tista' tagħti
informazzjoni qarrieqa lill-konsumaturi;***

imħassar

Or. en

9.2.2015

B8-0097/13

Emenda 13

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti segwitu għar-rapport tagħha permezz ta' proposti leġiżlattivi li jagħmlu obbligatorja l-indikazzjoni tal-oriġini tal-laħam li jinsab f'ikel ipproċessat sabiex tiġi żgurata trasparenza akbar tul il-katina alimentari kollha kemm hi u biex il-konsumaturi Ewropej jiġu infurmati aħjar, waqt li tqis il-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha u tevita kosti u piżijiet amministrattivi eċċessivi;

imħassar

Or. en

9.2.2015

B8-0097/14

Emenda 14

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0097/2015

Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki, Lynn Boylan,

Keith Taylor, Piernicola Pedicini

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

It-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

13a. Jappoġġja l-għadd kbir ta' attivitajiet għat-tikkettar volontarju tal-informazzjoni dwar l-oriġini, għax il-konsumaturi li jridu aktar informazzjoni u li huma lesti li jħallsu għalih jistgħu jagħżlu l-prodotti xierqa u l-kumpaniji jistgħu jiġġeneraw valur miżjud, iżda jinsab imħasseb dwar l-użu ħażin ta' din is-sistema f'każijiet speċifiċi;

Or. en